



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 140/24

il-Lussemburgu, 11 ta' Settembru 2024

Sentenzi tal-Qorti Ġenerali fil-Kawżi T-635/22 | Fridman *et vs* Il-Kunsill u T-644/22 | Timchenko u Timchenko *vs* Il-Kunsill

Sanzjonijiet ekonomiċi kontra r-Russja: il-Kunsill għandu l-kompetenza sabiex jistabbilixxi obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' kooperazzjoni sabiex tiġi ggarantita l-effettività tal-miżuri ta' ffriżar ta' fondi

Il-ġlieda kontra l-arranġamenti legali u finanzjarji li jiffaċilitaw l-evażjoni ta' miżuri restrittivi tiġġustifika tali obbligi

L-isem ta' Elena Timchenko u dawk ta' Gennady Timchenko, Mikhail Fridman, Petr Aven u German Khan ġew inklużi fil-listi tal-persuni, tal-entitajiet u tal-korpi suġġetti għal miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja.

Fid-dawl tal-komplessità dejjem tikber tas-sistemi li jippermettu li tiġi evitata din is-sistema ta' sanzjonijiet, il-Kunsill adotta, fil-21 ta' Lulju 2022, regolament ¹ li jipprevedi obbligi ta' dikjarazzjoni tal-fondi u ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti. In-nuqqas ta' osservanza ta' dawn l-obbligi jiġi assimilat ma' evażjoni tal-miżuri ta' ffriżar ta' fondi. Konkretament, l-għan huwa li jiġi evitat l-użu ta' arranġamenti legali u finanzjarji kumplessi li jkunu ta' natura li, għalkemm ma jirrendux iktar faċli l-evażjoni tal-miżuri, tal-inqas jagħmlu iktar diffiċli l-identifikazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi li jkunu s-suġġett ta' miżuri restrittivi.

Il-partijiet ikkonċernati talbu lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea l-annullament ta' dawn l-obbligi ta' dikjarazzjoni tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi tagħhom qabel l-1 ta' Settembru 2022, u ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Huma qiesu li, peress li l-imsemmija obbligi ma jinsabux f'deċiżjoni meħuda mill-Kunsill fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK), ma jistgħux jitqiesu li huma miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' tali deċiżjoni. Huma qiesu b'mod partikolari li r-Regolament tal-Kunsill jikkostitwixxi użu ħażin ta' poter peress li l-adozzjoni tal-obbligi inkwistjoni għandha taqa' taħt il-kompetenza ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri.

Il-Qorti Ġenerali **tiċħad** ir-rikorsi kollha.

Fis-sentenzi tagħha, il-Qorti Ġenerali tfakkar li d-dritt tal-Unjoni jippermetti l-adozzjoni ta' regolamenti mill-Kunsill sabiex jimplimenta jew jagħti effett lil miżuri restrittivi sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha. Il-miżuri previsti mid-dritt tal-Unjoni **ma humiex limitati għal obbligi li ma titteħidx azzjoni u l-Kunsill seta' jadotta obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' kooperazzjoni**, indipendentement mill-fatt li dawn l-obbligi ma kinux espressament previsti fid-deċiżjoni relatata magħhom.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tqis li l-Kunsill ma ħax post l-Istati Membri sabiex jiġi deċiż kif il-miżuri restrittivi għandhom jiġu implimentati u ssanzjonati fit-territorju tagħhom. Għall-kuntrarju, l-awtoritajiet nazzjonali **jżommu l-kompetenza tagħhom** sabiex jiddeterminaw in-natura kriminali, ċivili jew amministrattiva marbuta mal-ksur li jikkonsisti fil-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' evażjoni u s-sanzjonijiet marbuta ma' dan il-ksur.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinġoloq bl-annullament tal-att.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju tas-sentenzi ([T-635/22](#) u [T-644/22](#)) jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw s-sentenzi.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Regolament tal-Kunsill \(UE\) 2022/1273](#) tal-21 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.